MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 1372/2000/1

**Carmel u Rita konjugi CAMILLERI**

**vs**

**Doreen CARDONA u John Mary CARDONA ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-3 ta' Lulju, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Lulju 1998 u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon il-konvenuta xtrat u akkwistat il-fond numru 102, Barracks Street, Qormi minghand l-atturi versu l-prezz ta' hmistax-il elf lira maltin, skond kif jirrizulta mill-anness **Dokument A;**

Illi s-somma ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000), il-prezz ta' bejgh tal-fond kellu jithallas fuq il-kuntratt datat 25 ta' Lulju, 1998;

Illi effettivament il-konvenuta ma hallset xejn lill-atturi mill-prezz ta' l-imsemmi bejgh;

Illi di piu' in konnessjoni mal-istess fond, l-atturi kellhom dejn mal-Bank of Valletta plc fis-somma ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000) liema dejn kien garantit skond ma jirrizulta mill-annessa *'sanction letter'*, **Dokument B;**

Illi l-konvenuta hallset biss hames mija, disgha u sebghin lira maltin (Lm579) mill-bilanc tas-self fuq imsemmi bhala parti mill-prezz ta' l-akkwist tal-fond in kwistjoni;

Illi l-konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf lira maltin, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira maltin (Lm14,421) u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas is-somma ta' erbatax-il elf lira maltin, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira maltin (Lm14,421) tal-fond 102, Barracks Street, Qormi, izda baqghet inadempjenti **Dokument C;**

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom debituri ta' l-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf lira maltin, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira maltin (Lm14,421), bilanc li fadal mis-somma ta' Lm15,000, il-prezz tal-bejgh tal-fond 102, Barracks Street, Qormi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbatax-il elf lira maltin, erba' mija u wiehed u ghoxrin lira maltin (Lm14,421), somma rappresentanti l-bilanc li fadal mill-prezz tal-bejgh tal-fond 102, Barracks Street, Qormi;

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali u l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat; id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-atturi, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-20 ta' Settembru, 2000, li biha l-konvenut John Mary Cardona eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-eccipjenti, li huwa zewg il-konvenuta Doreen Cardona u gie notifikat bic-citazzjoni attrici, ma jismux Joseph Cardona izda John Mary, maghruf bhala Jimmy Cardona;

2. Illi l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici stante illi huwa la huwa parti fuq il-kuntratt ta' bejgh (Dok A) u lanqas kienet in vigore fil-jum tal-kuntratt is-sistema ta' komunjoni ta' l-akkwisti ma' martu l-konvenuta Doreen Cardona;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, milli jaf l-eccipjenti personalment, l- atturi kienu accettaw li l-prezz jircevuh minghand terzi, u cioe' minghand Raymond u Anna konjujgi Martin, bi tpartit ta' proprjeta', u proprju ghalhekk iddikjaraw fil- kuntratt ta' bejgh li l-prezz thallas mal-kuntratt u thalliet minnhom id-debita ricevuta;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut John Mary Cardona;

Rat in-Nota tal-25 ta’ Settembru, 2000, li biha l-konvenuta Doreen Cardona eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjenti mhix debitrici tal-atturi stante illi l-istess atturi kienu qablu u accettaw li l-prezz jircevuh bi tpartit ta’ proprjeta’ minghand terzi, u cioe’ minghand Raymond u Anna konjugi Martin, u proprju ghalhekk iddikjaraw fil-kuntratt ta’ bejgh li l-prezz thallas mal-kuntratt u thalliet minnhom id-debita ricevuta;

2. Illi l-proceduri odjerni gew istitwiti mill-atturi presumibilment wara li l-atturi u l-imsemmija Raymond u Anna konjugi Martin naqsu li jikkonkludu t-tpartit ta’ proprjetajiet rispettivi, u ghaldaqstant l-eccipjenti qeghda minn issa tirriserva li titlob il-kjamata in kawza ta’ l-imsemmija konjugi Martin;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenuta Doreen Cardona;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz n-Nota imressqa mill-konvenut John Mary Cardona fit-23 ta’ Novembru, 2000, li maghha kien hemm mehmuza kopja ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-tlettax (13) ta’ Lulju, tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) [pagni 26 u 27 tal-process];

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tat-23 ta’ Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghal decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut John Mary Cardona li m’huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici [pagna 17 tal-process];

***Ikkunsidrat:***

Illi b'kuntratt li sar fil-25 ta' Lulju, 1998, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, l-atturi bieghu, flimkien bejniethom, lill-konvenuta wahedha fond (maisonette) bl-arja hielsa tieghu fi Triq il-Barrakki, Hal-Qormi, bil-prezz ta' Lm15,000, li l-kuntratt jghid li thallsu fuq l-att, u bil-patti u l-kundizzjonijiet kollha hemm miftehma;

Illi l-konvenut, fil-waqt li sar dak il-kuntratt, kienet mizzewga lill-konvenut l-iehor. Imma, fl-1992, il-konvenuti kienu talbu u kisbu l-permess mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, biex jtemmu s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti bhala dik li kienet tirregola l-gid taghhom matul iz-zwieg b'effett immedjat;

Il-konvenut, bl-eccezzjoni in esami, qieghed jghid li kwalunkwe talba li l-atturi qeghdin iressqu dwar il- kuntratt tal-bejgh imsemmi, ma tistax taffettwah ghax hu ma kienx parti f'dak il-kuntratt;

Illi, minghajr ma tidhol fil-qofol tal-kwestjoni u qabel ma tqis is-siwi tal-eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti thossha fid-dmir tirrimarka li l-kopja tal-att li fuqu hija mibnija l-kawza kollha (pagni 10 sa 13 tal-process) ma tinftiehemx, u meta wiehed jaqraha sewwa jidher li ghandha partijiet li jew ma jsegwux jew inkellha neqsin. Il-kopja hija inizjalata u ffirmata min-Nutar li ppubblika l-att bhala kopja legali;

Illi dan il-fatt ma jfixkilx lill-Qorti milli tghaddi biex tikkonsidra l-eccezzjoni preliminari, imma jincidi hafna fuq il-kawza 'l quddiem;

L-atturi, permezz tal-Avukat taghhom, issottomettew li huma ma kinux jafu bil-qaghda tal-konvenuti ghal dak li jirrigwarda s-sistema tal-gid taghhom fiz-zwieg, u jghidu li l-konvenut kien presenti waqt li kien qieghed isir il-kuntratt. Dan hu ghal kollox irrilevanti, ghax il-qaghda legali tar-regim patrimonjali tal-konvenuti huwa regolat b'att pubbliku, maghmul snin qabel dakinhar tal-kuntratt, u li seta' facilment irrisulta lill-istess atturi minn ricerki. B'zieda ma' dan, u ghall-finijiet tal-artikolu 629[c] tal-Kap 12, il-kuntratt li sar bejn l-atturi u l-konvenuta jipprova dak li jghid, u, anke jekk hu minnu li l-konvenut kien presenti meta sar il-kuntratt, ma kienx parti f'dak il-ftehim;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-ligi tippermetti lil tnejn mizzewgin li, ukoll wara li jizzewgu u wkoll wara li tkun diga' bdiet issehh bejniethom is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti (imma dejjem wara li jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-qorti), itemmu u jhassru dik il-komunjoni tal-akkwisti [art. 1317 tal-Kap 16]. Kif jigri hekk, bejn il-mizzewgin tibda ssehh is-sistema tal-beni separati, f'liema kaz dak il-gid kollu jitqies parafernali u jkun immexxi u mizmum minn dik il-parti mizzewga biss [art. 1334(1)];

Illi, ghalhekk, f'cirkostanza bhal din, kull obbligazzjoni valida u legali li ghaliha tidhol parti mizzewga, tkun torbot lilha biss u teffettwa gidha biss (ukoll jekk, b'mod sussidjarju, dan jinkludi sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li setghet tkun sehhet f'xi zmien u li ma tkunx ghadha giet likwidata) [ara l-artikolu 1329 tal-Kap 16];

Illi dan iwassal biex rabta li dahlet ghaliha l-konvenuta fil-kuntratt taghha mal-atturi, zewgha ma jigi bl-ebda mod meqjus la bhala beneficjarju u lanqas bhala garanti. Fi kliem iehor, it-talbiet jew pretensjonijiet taghhom imnissla mill-istess kuntratt iridu jigu indirizzati lejn min ikkuntratta maghhom;

Illi din il-qaghda legali tissokta ssib konferma fil-principji generali li l-ligi taghna tistabilixxi dwar l-effetti tal-patti u tal-kuntratti, b'mod partikolari fl-artikoli 999(1) u 1001 tal-Kodici Civili;

Minhabba f'hekk, jigi li zewg il-konvenuta jonqos fih l-interess li jsostni l-qaghda ta' martu l-konvenuta jew li jirribatti t-talbiet tal-atturi kontra taghha. Din hija, sostanzjalment, it-tifsira xierqa tal-eccezzjoni preliminari tieghu;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda **taqta' u tiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut John Mary Cardona billi tilqaghha ghax tirrisulta misthoqqa**, u tehles lill-istess konvenut milli jibqa' fil-kawza biex iwiegeb it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------